MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru. 184/2003

Il-Pulizija
(Spettur Raymond D'Anastas)
vs
Osama Mohamed Belhaj

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-17 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija fis-Siggiewi;

Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni tas-Surgenti 175 George Pace; 1219 Charles Zammit u 238 Michael Carter, liema persuni huma inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni indikati aktar 'il fuq, liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-eskuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' LM50 u dan ghad-dannu tas-Surgent 1219 Charles Zammit;

U fl-ahhar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebb kontra l-imsemmija Surgenti sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

Fuq ammissjoni;

Issibu hati, wara illi rat l-Artikoli 325(1)(b), 95 u 96 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundannah ghal prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn millum;

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kap. 9.

--------------------------------TMIEM--------------------------------